# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 4 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 24**

**Rikors numru 1262/10/1 JRM**

**David Gatt**

**v.**

**Onor. Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi, Il-Kummissarju tal-Pulizija u s-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell wara kawża intavolata mill-attur appellant li fiż-żmien meta ġiet intavolata l-kawża kien jokkupa l-grad ta' spettur. L-attur kien ġie nformat permezz ta' ittra datata 3 ta' Mejju, 2001, li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-attur kien intavola proċeduri ġudizzjarji

sabiex jimpunja din id-deċiżjoni u fis-6 ta' Settembru, 2010, il-Qorti tal-Appell iddikjarat li d-deċiżjoni msemmija kienet nulla u bla effett *ai termini* tal-liġi. Sussegwentement, b'ittra tal-15 ta' Ottubru, 2010, l-attur ġie nformat mis-Segretarju Permenanti Ewlieni bħala Kap tas-Servizz Pubbliku li hu u l-Kummissarju tal-Pulizija kienu ddeċidew li jerġgħu jibdew proċeduri dixxiplinari kontra tiegħu sabiex jiġi mġiegħel jirtira mill-korp tal-pulizija, din id-darba *ai termini* tar-regolament 35 tal-Avviż Legali 186 tal-1999, u ngħata żmien sabiex iressaq is-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu qabel ma tittieħed deċiżjoni f'dan ir-rigward. Sussegwentement, fl-1 ta' Novembru, 2010, l-attur intavola Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Kummissarju tal-Pulizija sabiex iżomm il-proċess dixxiplinari mibdi kontra tiegħu milli jkompli, u fis-6 ta' Diċembru, 2010, intavola din l-azzjoni. Skont l-attur dan ifisser li huwa ser ikun qed jgħaddi proċess quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku darbtejn fuq l-istess materja f'perjodu ta' għaxar snin u għalhekk huwa ser ikun qiegħed jiġi assoġġettat għat-tieni darba għal proċeduri dixxiplinari fuq l-istess fatti u dan bi ksur flagranti tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u b'nuqqas ta' osservanza tal-prinċipji tad-dritt naturali kif protetti fl-Artikolu 469A(a) u (b)(ii).

2. F'dawn il-proċeduri huwa talab għalhekk lil Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara li bl-agir taghhom l-intimati meta talbu li r-rikorrenti jerga jghaddi proceduri kif lilu spjegat fl-ittra tal-15 ta' Ottubru 2010, kienu qeghdin jiksru drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti u anke tali att amministrattiv kien imur kontra l-principji ta' dritt

> naturali li jgawdi r-rikorrenti. Illi l-azzjoni tar-rikorrenti qed tigi msejsa fuq l-artikolu 469A(a)(b)[ii];
>
> 2. Tordna konsegwentement li l-effetti tal-ittra datata 15 ta' Ottubru 2010 mibghuta lir-rikorrenti mill-intimati tigi dikjrata nulla u bla effett fit-termini tal-ligi;
>
> 3. Tordna li l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni fl-istess ismijiet numru 1680/10JRM datat 17 ta' Novembru 2010 jibqghu fis-sehh b'mod definit;
>
> 4. Tiddikjara li r-rikorrenti huwa intitolat ghal hlas ta' kumpens u b'riserva ghad-danni;
>
> Bl-ispejjez u bl-imghax legali u b'hekk l-intimati jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni."

3. Il-Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċju tal-Prim Ministru eċċepew, *inter alia,* (1) li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili m'għandhiex kompetenza kostituzzjonali sabiex twaqqaf *a priori* lill-konvenuti jew uħud minnhom milli jieħdu proċeduri dwar uffiċjali fis-servizz pubbliku meta dawn il-proċeduri jittieħdu skont l-Avviż Legali 186 tal-1999, (2) li l-Prim Ministru mhuwiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, (3) li huma ma wettqu l-ebda ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tal-attur jew tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew l-ebda abbuż ta' setgħa fil-konfront tiegħu, (4) li t-talba sabiex l-ittra datata 15 ta' Ottubru, 2010, tiġi dikjarata nulla u bla effett hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, (5) li mhuwiex legalment possibbli li mandat ta' inibizzjoni jingħata effett għal dejjem u (6) li t-talba għall-ħlas ta' kumpens hija nfondata u rritwali billi ma tinkwadrax fil-parametri ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju.

4. Il-Kummissarju tal-Pulizija eċċepixxa, *inter alia,* li (1) li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili m'għandhiex kompetenza kostituzzjonali sabiex twaqqaf *a priori* lill-konvenuti jew uħud minnhom milli jieħdu proċeduri dwar uffiċjali fis-servizz pubbliku meta dawn il-proċeduri jittieħdu skont l-Avviż Legali 186 tal-1999, (2) li huwa ma wettaq l-ebda ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tal-attur jew tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u ma wettaq l-ebda abbuż ta' setgħa fil-konfront tiegħu, (3) li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Settembru, 2010, bl-ebda mod ma trattat il-mertu tar-raġunijiet li għalihom l-attur kien ġie mġiegħel jirtira mis-servizz, u li din is-sentenza annullat l-effett tad-deċiżjoni tat-3 ta' Mejju, 2001, bil-konsegwenza li l-attur reġa` tqiegħed fl-istess sitwazzjoni li kien fiha qabel ma ttieħdet dik id-deċiżjoni u għalhekk fil-pożizzjoni ta' persuna soġġetta għal proċeduri biex tiġi mġiegħla tirtira mill-Korp u għalhekk ma jistax jingħad li hemm ksur tal-prinċipju *ne bis in idem* u li r-Regolament 35 tal-Avviż Legali msemmi jipprovdi s-salvagwardji neċessarju sabiex l-attur ikun jista' jiddefendi ruħu f'kull stadju tal-proċeduri, (4) li mhuwiex legalment possibbli li mandat ta' inibizzjoni jingħata effett għal dejjem, (5) li t-talba għall-ħlas ta' kumpens hija nfondata u rritwali billi ma tinkwadrax fil-parametri ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju.

5. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat sentenza parzjali fid-29 ta' Settembru, 2011, permezz ta' liema ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari

ta' kull wieħed mill-konvenuti, bl-ispejjeż kontra tagħhom u ordnat li jitkompla s-smigħ tal-kawża.

6. Permezz tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta' Ottubru, 2016, ġie deċiż hekk:

> "Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:
>
> Tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek Onorevoli Prim Ministru u ssib li hu mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, u għalhekk teħilsu milli jibqa' fil-kawża bi spejjeż għall-attur;
>
> Tiċħad l-ewwel talba attriċi billi mhix mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt;
>
> Tiċħad it-tieni talba attriċi minħabba li hija konsegwenzjali għall-ewwel talba';
>
> Tiċħad it-tielet talba attriċi għaliex ma hijiex ritwali;
>
> Tiċħad ir-raba' talba attriċi minħabba li ma kenitx ippruvata; u
>
> Tordna li l-attur iħallas l-ispejjeż tal-kawża, ħlief dawk marbutin mas-sentenza preliminari tad-29 ta' Settembru, 2011, li jitħallsu kif imsemmi f'dik is-sentenza."

7. L-attur preżenta r-rikors tal-appell tiegħu fis-7 ta' Novembru, 2016, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata billi tilqa' t-talbiet tal-appellant kif prospettati fir-rikors ġuramentat tiegħu u tiċħad l-eċċezzjonijiet mogħtija mill-appellati.

8. Il-konvenuti preżentaw ir-risposta tagħhom għall-appell tal-attur fil-21 ta' Novembru, 2016, permezz ta' liema ssottomettew li l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellant.

**Ikkonsidrat:**

**L-Ewwel Aggravju**

9. L-appellant jargumenta illi a kuntrarju ta' dak ikkonsidrat mill-Ewwel Qorti il-proċess ta' dixxiplina meħud kontra tiegħu kien misjub li kien ivvizzjat fis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Settembru, 2010. Jgħid li ladarba l-proċess ta' dixxiplina uniku kontra tiegħu ġie ddikjarat monk b'sentenza li llum hija *res judicata*, ma jifdalx lill-appellati d-dritt li jerġgħu jiftħu mill-ġdid il-proċess ta' dixxiplina dwar l-istess każ. Skont l-appellant, bl-argument tal-Ewwel Qorti huwa jsib ruħu fis-sitwazzjoni anomala fejn għal kull żball jew skorrettezza potenzjali li jieħdu l-appellati fil-proċess ta' dixxiplina din il-Qorti sservi ta' *salvauomo* biex tikkoreġi l-aġir erronju tal-intimati sa kemm xi darba jiġi assigurat proċess korrett ta' dixxiplina meħud skont il-liġi. L-appellant jikkontendi li meta l-appellati mxew b'mod abbużiv fil-proċess inizjali tiegħu, huma eżawrew id-dritt tagħhom li jipproċessawh quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u dan irrispettivament mill-fatt li fil-proċeduri deċiżi fis-6 ta' Settembru, 2010, ma ġiex issindikat il-mertu tad-deċiżjoni. Iżid li llum-il ġurnata huwa m'għadux uffiċjal tal-Pulizija iżda huwa avukat u għalhekk diffiċli wieħed jifhem kif jista' qatt jerġa jgħaddi minn proċeduri ta' dixxiplina quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

10. L-appellati jirribattu illi l-appellant qiegħed jagħti interpretazzjoni skorretta tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Settembru, 2010. Skont l-appellati, interpretazzjoni korretta ta' dik is-sentenza hija li b'effett tagħha dak kollu li sar quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ġie annullat u għalhekk dik il-proċedura qisha qatt ma saret, kif korrettement ikkonkludiet l-Ewwel Qorti. L-appellati jsostnu li l-appellant jikkontradiċi lilu nnifsu fl-argumentazzjoni tiegħu għaliex filwaqt li jgħid li s-sentenza tas-6 ta' Settembru, 2010, tagħmel stat in konfront tiegħu mbagħad ikompli jargumenta li abbażi tal-istess sentenza l-appellati ma setgħux jimxu skont id-dettami tar-Regolament 35 tal-Avviż Legali 186 tal-1999.

11. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar dan il-punt:

> "Illi dwar il-mertu tal-azzjoni attriċi l-kwestjoni ewlenija bejn il-partijiet iddur fuq x'kienet il-qagħda legali li nħalqet b'effett tas-Sentenza;
>
> Illi għall-attur, ladarba dik il-Qorti sabet li l-proċess dixxiplinari mniedi kontrih kien vizzjat u bla siwi, l-avviż tat-tnedija tal-proċess li sarlu bl-ittra tal-imħarrek Segretarju Permanenti tal-15 ta' Ottubru, 2010, kien jikkostitwixxi t-teħid mill-ġdid tal-istess proċediment, bi ħsara għall-jedd tiegħu li ma jkunx assoġġettat għall-istess proċess fuq l-istess xiljiet li kienu sarulu qabel. Għall-imħarrkin, il-qagħda mhijiex hekk: għalihom, is-Sentenza ħassret il-proċedimenti dixxiplinari kollha li kienu saru kontra l-attur, u reġġgħet il-qagħda lura għaż-żmien qabel ma nbdew dawk il-proċedimenti;
>
> Illi l-attur jisħaq li ladarba l-KSP ma kinitx parti fil-kawża li huwa kien fetaħ f'Ottubru tal-2001, is-Sentenza ma tista' qatt titfisser li

iddeċidiet dwar dak li sar quddiem dik il-Kummissjoni. Huwa jżid jargumenta li s-Sentenza ma ħassritx il-proċedimenti li saru mill-KSP, imma biss id-deċiżjoni tal-imħarrek Onorevoli Prim Ministru u l-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija li joqogħdu fuq ir-rakkomandazzjoni tal-KSP. Fi kliem ieħor, l-attur jgħid li l-proċess imniedi quddiem il-KSP dwar il-każ tiegħu baqa' bla mittiefes u li d-deċiżjoni (fil-parti dispożittiva tas-Sentenza) li huwa jerġa' jitqiegħed fil-qagħda li kien qabel it-3 ta' Mejju, 2001, kienet tfisser biss li kollox kien intemm bħallikieku l-attur ma kienx instab ħati;

Illi l-Qorti tagħraf li l-KSP ma kinitx parti fil-kawża li l-attur fetaħ f'Ottubru tal-2001 u tqis ukoll li r-regola hi li sentenza ma tista' tkun qatt ta' ħsara għal min ma jkunx parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza. Min-naħa l-oħra, f'din il-kawża, l-attur jorbot it-talbiet tiegħu ma' dak li tipprovdi s-Sentenza. Is-Sentenza trid titqies kollha kemm hi u mhux biss il-parti dispożittiva tagħha, u l-parti dispożittiva ta' sentenza tinftiehem mill-konsiderazzjonijiet li jsiru matulha;

Illi qari kemm tas-Sentenza u kif ukoll tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel grad juri li għalkemm il-KSP ma kinitx parti fil-kawża, kien il-proċediment li tmexxa quddiemha li sejjes il-fehma taż-żewġ gradi talQorti biex waslu li jilqgħu t-talbiet tal-attur. Kien dak il-proċediment kollu li tqies li sar u tmexxa bi ksur tar-regoli u prinċipji tal-ġustizzja naturali. Kien dak in-nuqqas radikali li ġab ma tiswiex ir-rakkomandazzjoni li saret lill-imħarrek Onorevoli Prim Ministru, li mbagħad mexa fuqha u aċċettaha. Dan qalitu kemm il-Qorti tal-ewwel grad (fis-sentenza tagħha tas-27 ta' April, 2009) u kif ukoll is-Sentenza li ikkonfermatha f'dan irrigward (għalkemm mhux għall-istess raġunijiet). B'mod partikolari u biex ma ttawwalx bla bżonn, din il-Qorti tirreferi għal dik il-parti tas-Sentenza li tittratta t-tielet aggravju tal-appellanti (l-imħarrkin tal-lum), ir-raba' aggravju tagħhom u xejn anqas is-sitt aggravju;

Illi s-Sentenza tagħmilha ċara li r-rakkomandazzjoni tal-KSP (li l-attur jitkeċċa mis-servizz) kienet illegali u mingħajr effett u għalhekk il-Prim Ministru ma setax joqgħod fuqha u jibgħat l-ittra tat-3 ta' Mejju, 2001, lill-attur. Is-Sentenza tgħid ukoll li dak li huwa illegali ma jħalli l-ebda effett, u għaldaqstant kollox kellu jitqigħed fil-qagħda li kien qabel intbagħtet dik l-ittra. Is-Sentenza ma toqgħodx biss fuq ir-rakkomandazzjoni tal-KSP, imma fuq il-proċediment kollu li sar quddiem l-istess Kummissjoni sakemm waslet biex tagħmel dik ir-rakkomandazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti, kien il-proċediment kollu safejn sar bi ksur tal-liġi li s-Sentenza sabet li wassal biex ir-rakkomandazzjoni tkun mingħajr effett. Fi kliem ieħor, is-Sentenza ma ħassritx biss ir-rakkomandazzjoni, imma l-proċediment kollu kemm hu;

Illi fil-qasam tad-Dritt Amministrattiv huwa mgħallem li "by quashing the court declares that some purported decision or

determination is irregular or futile and therefore of no effect in law. The result is to establish that no one need take heed of it. The question at issue has not been lawfully determined, and the responsible authority must start again and determine it properly. The difference from a declaratory judgment is that quashing positively invalidates the offending decision or act, whereas a declaration of invalidity merely leaves it exposed to other remedies if required";

Illi dan ifisser li jekk kemm-il darba xi għemil amministrattiv jitħassar minn Qorti f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, dak l-għemil jiġi daqs li kieku ma kien sar qatt u jista' jsir mill-ġdid b'mod legali u kif imiss;

Illi l-Qorti tagħraf li l-proċedimenti li l-attur jinsab avżat li sejrin jitnedew kontrih huma ta' natura dixxiplinari u għalhekk jixbhu proċeduri penali. Fil-każ tal-attur, jidher li dan huwa aktar il-każ minħabba li mix-xhieda li ngħatat in-nuqqasijiet li l-attur huwa mixli bihom kienu ta' sura tali li jikkostitwixxu mġiba li tista' tiġbed fuqha sanzjonijiet penali. F'dan ir-rigward, il-Qorti ma taqbilx għal kollox mas-sottomissjonijiet magħmulin mill-imħarrkin. Tagħraf, iżda, li r-Regolamenti jagħrfu bejn proċeduri dixxiplinari ta' uffiċjali pubbliċi li jwasslu għat-tkeċċija u dawk li jwasslu għall-irtirar mis-servizz pubbliku;

Illi hawnhekk tqum il-kwestjoni tal-ksur tal-prinċipju tan-"ne bis in idem" li l-attur jisħaq fuqu biex jingħata raġun fl-ilment tiegħu. It-tħaddim tal-prinċipju tan-ne bis in idem jimplika tabilfors li tkun teżisti deċiżjoni li tiswa (għalkemm mhux bilfors tkun waħda li fiha l-parti mixlija tkun instabet ħatja) bħala ostaklu għal proċedura dwar l-istess fatt warajha. Huwa stabbilit ukoll li l-jedd imħares taħt l-imsemmi prinċipju mhuwiex limitat biss għall-ħarsien li persuna ma tinstabx ħatja darbtejn dwar l-istess fatti, imma li l-persuna ma ġġarrabx iżjed minn proċess wieħed dwar dawk il-fatti, u għalhekk, il-prinċipju jgħodd ukoll fejn persuna tkun diġa' tressqet fuq proċeduri li jintemmu bla sejbien tal-ħtija tagħha. Dan għaliex dak il-prinċipju jiġbor fih tliet garanziji differenti minn xulxin, u jiġifieri li l-ebda persuna m'għandha (i) tkun suġġetta li titressaq, (ii) titressaq jew (iii) tinstab ħatja aktar minn darba tal-istess fatti;

Illi l-Qorti tqis għalhekk li jekk kemm-il darba s-Sentenza ħassret u invalidat il-proċediment kollu li sar quddiem il-KSP u wkoll irrakkomandazzjoni tal-istess Kummissjoni fil-każ tal-attur, ma jistax jingħad li t-tnedija tal-proċediment quddiem il-KSP sejra ttenni l-proċess jew tissoġġetta lill-attur għall-preġudizzju li jrid iwieġeb għall-istess xiljiet fi proċess ripetut. It-tħassir bis-saħħa tas-Sentenza tal-proċediment li sar qabel iġib in-nuqqas kemm tal-"bis" u kif ukoll tal-"idem", għaliex ma jistax ikun hemm ripetizzjoni ta' xi ħaġa li ma tiswiex jew ta' xi ħaġa li qisha ma ġratx. F'dan ir-rigward, il-Qorti ma tistax taqbel mal-attur meta jissottometti li t-

teħid kontrih tal-proċedimenti jixxiebah ma' persuna li teħel minn eżami tas-sewqan u terġa' tagħmlu sakemm iseħħilha tgħaddi. F'każ bħal dak, l-eżami jkun jiswa u s-sewwieq ma jkunx għadda: f'dan il-każ, l-eżami tħassar u qisu għadu ma sarx;

Illi mbagħad, ladarba l-attur, fl-ewwel talba tiegħu jgħid espressament li l-azzjoni tiegħu hija msejsa fuq l-artikolu 469A(1)(a) u (b)(ii) tal-Kap 12, jiġi li jonqsu ċ-ċirkostanzi fejn l-għemil minnu impunjat jistgħu jdaħħlu fis-seħħ dawk id-dispożizzjonijiet għaliex dawk id-dispożizzjonijiet jimplikaw it-twettiq ta' xi ħaġa li saret u li kellha effett. Kif ingħad, is-Sentenza qieset bla effett kulma sar qabel dakinhar fil-każ tal-attur;

Illi dan kollu jingħad bla ebda ħsara għall-aspetti ta' termini u jeddijiet imħarsin mir-Regolamenti dwar kull proċediment li jista' jinbeda jew jitkompla fir-rigward tal-attur, lil hinn minn dak li din is-sentenza intalbet tipprovdi dwaru f'din il-kawża. Il-Qorti tifhem ukoll li, għalkemm il-proċediment jista' jkun li sejjer jitkompla quddiem il-KSP, din ma tkunx magħmula jew komposta mill-istess nies li kienu waslu biex jagħmlu r-rakkomandazzjoni oriġinali għat-tneħħija tal-attur mis-servizz mal-Korp;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-ewwel talba attriċi mhijiex mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt u mhix sejra tilqagħha;"

## *Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

12. Il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta osservat li l-konsegwenza tat-tħassir tar-rakkomandazzjoni magħmula mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku hija li legalment dawk il-proċeduri qatt ma saru. Kif ġie korrettament osservat mill-Ewwel Qorti, fis-sentenza tas-6 ta' Ottubru, 2010, jingħad ċar li r-rakkomandazzjoni magħmula mill-Kummissjoni ma tiswiex għaliex il-proċedura addottata minnha li waslet għal dik ir-rakkomandazzjoni saret ħażin. Skont id-dritt amministrattiv għalhekk dik il-proċedura trid terġa' tibda mill-bidu, daqslikieku qatt ma kienet saret. Fil-fatt, hekk kien qed isir, tant li t-tkeċċija, jew aħjar irtirar

forzat, tal-attur qiegħed jiġi issa mfittex fuq bażi legali kompletament differenti. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonludiet li ġaladarba l-proċess li sar fl-2001 ġie mħassar mill-Qorti ma jistax jingħad li hemm ripetizzjoni tiegħu, għaliex ħaga li qatt ma saret jew qatt ma ġrat ma tistax tiġi ripetuta. Din mhijex kwistjoni fejn il-Qorti ssalva lill-Kummissjoni wara aġir abbużiv min-naħa tagħha kif isostni l-appellant, iżda hija biss il-konsegwenza loġika u legali tan-nullita` *ab initio* tal-proċeduri li legalment tfisser li l-proċeduri qishom qatt ma saru.

13. B'żieda ma' dan il-Qorti tirrileva li fil-proċeduri deċiżi mill-Qorti tal-Appell fl-2010 il-Qorti ma ssindikatx il-mertu tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iżda kkonsidrat biss il-validita` tal-proċedura adoperata minnha fit-tkeċċija tal-attur. Fi kwalunkwe każ ukoll jekk kien hemm deċiżjoni fil-mertu mill-Kummissjoni, qatt ma seta' kien hemm deċiżjoni finali għaliex il-Qorti tal-Appell ħassret dak kollu li sar. Għalhekk lanqas jista' jingħad li hemm sentenza *res judicata* li ddeċidiet dwar il-mertu tad-deċiżjoni ta' tkeċċija tal-attur. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan kollu jfisser li m'hemm l-ebda ostakolu legali li jxekkel lill-konvenuti milli jiftħu proċeduri ta' dixxiplina oħra kontra l-attur.

14. Inoltre l-Qorti tqis li huwa rrelevanti l-argument tal-appellant li llum-il ġurnata huwa Avukat u għalhekk ma hux ċar kif il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tista' terġa' żżomm xi proċeduri ta' dixxiplina kontra

tiegħu. Din il-kwistjoni mhijiex waħda li ġiet sottomessa għall-ġudizzju tal-Qorti, għaliex dawn il-proċeduri jitrattaw biss il-mistoqsija dwar jekk jistgħux jittieħdu proċeduri ta' dixxiplina kontra l-appellant wara l-annullament tal-proċeduri ta' dixxiplina oriġinarjament meħuda kontra tiegħu. Jekk issa dawn il-proċeduri ta' dixxiplina ġodda humiex issa eżawriti minħabba li fil-mori tal-proċeduri l-appellant sar Avukat mhijiex kwistjoni relevanti għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri.

15. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa nfondat u qed jiġi miċħud.

**<u>It-Tieni Aggravju</u>**

16. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellant jilmenta dwar il-fatt li ma ġiex akkordat lilu l-ebda kumpens mill-Ewwel Qorti, u dan minkejja li l-istess Qorti llikwidat kumpens favur Michael Buttigieg fi proċeduri li kienu qed jimxu ma' dawn il-proċeduri. Jgħid li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li ma kienx hemm provi dwar id-danni sofferti minnu hija żbalordenti għaliex apparti dak li xehdu r-rappreżentanti tal-Korp tal-Pulizija dwar id-diffikulta` ekonomika li huwa sofra minħabba l-aġir tal-konvenuti hemm ukoll ix-xhieda tiegħu skont liema huwa kien qiegħed jirċievi pensjoni ta' €435 fix-xahar li turi li kien hemm diskrepanza bejn il-paga tiegħu ta' Spettur u din il-pensjoni li mbagħad beda jirċievi.

17. Il-konvenuti jirribattu li huwa prinċipju kardinali tad-dritt li min jallega jrid jipprova u li f'dan il-każ l-Ewwel Qorti korrettement ikkonkludiet li l-appellant ma ġab l-ebda prova tad-dannu li allegatament issubixxa. Jgħidu li fil-każ ta' Michael Buttigieg kien ġie preżentat prospett ta' danni allegatament sofferti mill-attur, iżda xejn min dan ma ġie preżentat f'dawn il-proċeduri. Jgħidu li inoltre fi proċeduri ta' stħarriġ ġudizzjarju ma jridx jiġi aċċertat biss il-kważi delitt imma wkoll li l-aġir tal-awtorita` pubblika sar b'*mala fede* jew b'imġieba rraġonevoli.

18. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar dan il-punt:

> "Illi dwar ir-raba' talba attriċi, il-kwestjoni tal-kumpens mitlub mill-attur kienet titlob li huwa jressaq provi biex isaħħaħ il-pretensjoni tiegħu. Mill-provi mressqa joħroġ biss li, b'seħħ minn Mejju tal-2001, huwa beda jirċievi pensjoni tas-servizz. L-attur ma ressaq l-ebda prova oħra dwar x'għamla ta' dannu jippretendi li ġarrab minħabba t-temm tiegħu tas-servizz. Jirriżulta wkoll li huwa qatt ma talab li jerġa' jiddaħħal fil-Korp u llum il-ġurnata jaħdem bħala professjonist;
>
> Illi għall-istess konsiderazzjonijiet li l-Qorti għamlet fil-kawża li kienet qiegħda tinstema' ma' din u li wkoll qiegħda tingħata s-sentenza tagħha llum, kien jaqa' fuq l-attur li juri x'kienu d-danni li jgħid li ġarrab u xi swietlu t-tkeċċija tiegħu mis-servizz mal-Korp sa dakinhar li ngħatat issentenza. Minn dan kollu ma għamel xejn, lanqas fis-sottomissjonijiet tiegħu, u għalhekk il-Qorti trid tasal għall-fehma li r-raba' talba ma tilqagħhiex għaliex ma hijiex ippruvata;"

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

19. Il-Qorti tqis illi dan l-aggravju huwa manifestament infondat. L-ewwelnett, safejn it-talba għad-danni magħmula mill-attur tirreferi għall-

ewwel tlett talbiet magħmula fir-rikors promotur tiegħu, iċ-ċaħda tat-talba għad-danni hija l-konsegwenza naturali taċ-ċaħda tat-talbiet preċedenti. Fir-rigward imbagħad tad-danni bbażati fuq id-dikjarazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-2010, huwa minnu li mill-provi jirriżulta li l-appellant kien qiegħed jirċievi pensjoni tas-servizz minflok il-paga li kieku kien ikun intitolat għaliha bħala Spettur tal-Pulizija. Pero` ma jirriżultax effettivament kemm kienet tkun il-paga perċepibbli mill-appellant li kieku nżamm fil-kariga tiegħu bejn Mejju 2001 u Ottubru 2010. Għalhekk ma jirriżultax kemm kien it-telf attwalment subit mill-appellant. Dan apparti l-fatt li l-appellant *ex admissis* jgħid li fil-mori huwa sar avukat, mingħajr indikazzjoni ta' meta kien dan, u għalhekk lanqas biss huwa ċar sa kemm l-appellant baqa' jsofri danni kaġun tal-aġir abbużiv tal-konvenuti kif konkluż mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-6 ta' Settembru, 2010.

20. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li dan mhuwiex każ fejn tista' ssir xi likwidazzjoni *arbitrio boni viri* għaliex ma jirriżultax li kien impossibbli jew irraġonevolment diffiċli għall-appellant biex iressaq provi dwar id-dannu subit minnu. L-appellant kellu kull opportunita` li jressaq provi ċari u oġġettivi dwar x'kien ikun l-introjtu tiegħu għas-snin bejn Mejju 2001 u Ottubru 2010 u jekk huwa naqas milli jagħmel dan *imputet sibi* u ma jistax jippretendi li l-Qorti tmur kontra d-dettami tad-dritt u tasal għal xi likwidazzjoni mingħajr prova sodisfaċenti tad-danni pretiżi minnu.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata safejn kompatibbli ma' din is-sentenza, bl-ispejjeż kollha kontra l-attur appellant.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
| --- | --- | --- |

Deputat Reġistratur<br>da